**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 27.11.11: L-EWWEL ĦADD TAL-AVVEDNT.**
TIBDA IS-SENA LITURĠIKA TAL-KNISJA.
**Fil-11.15a.m.** Ikollna laqgħa oħra ta' formazzjoni fil-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ, għall-għarajjes.
Din il-laqgħa tkun fid-Dar Parrokkjali
Illum ċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex ser ikun miftuħ għall-kumdita' ta' min jixtieq jagħti d-demm, partikularment għal dawk li ma jisbux ħin biex jagħtu fil-jiem ta' matul il-ġimgħa.
Il-ħin ser ikun mit-8:30am sas-1:00pm.
**IT-TLIETA, 29.11.11: GRUPP TAL-KELMA T'ALLA**
**Fis-6.30p.m.** Ikun hawn il-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla li tkun fid-Dar Parrokkjali
**HIGH TEA.**
fis-**7.00p.**m. se jsir High Tea fid-Dar il-Ġdida
**L-ERBGĦA, 30.11.11.: FESTA TA' SANT'ANDRIJA APPOSTLU.**
**IL-ĦAMIS, 1.12.11:** L-Ewwel Ħamis tax-Xahar.
**Fis-7.00a.m**. Ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**IL-ĠIMGĦA, 2.12.11: L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR**
Illum ikun hawn l-Adorazzjoni quddiem Ġesu Sagramentat mit-8.00a.m. sal-11.00a.m. u mis-2.30p.m. 'l quddiem.
**Quddiesa għall-Professjonisti f'Għawdex**
Il-Moviment Gradwati Għawdxin jistieden lill-gradwati u l-membri tal-professjonijiet kollha (anki koppji) għall-Quddiesa tal-ewwel Ġimgħa tax-Xahar fit-2 ta' Dicembru fil-knisja ta' Santu Wistin (Victoria): fit-8.00pm. Ikun hemm ukoll il-possibilta' tal-Qrar minn kwarta qabel.

Nagħmel appell biex bħala parti mill-mixja tagħna ta' tħejjija għall-Milied, nagħtu ftit mill-ħin tagħna ħalli nkunu qrib Ġesu fl-Ewkaristija, speċjalment meta jkun hawn l-Adorazzjoni fil-Parroċċa.
**IS-SIBT, 3.12.11.:** Illum tibda l-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilita'.
**IL-ĦADD, 4.12.11: IT-TIENI ĦADD TAL-AVVENT.**

## MINISTRI STRAORDINARJI TAL-EWKARISTIJA

Nhar il-Ħadd li għadda Mons. Isqof Mario Grech waqt il-Pontifikal fil-Katidral ta il-Mandat lill-Ministri Straordinarji tal-Ewkaristija minn Għawdex kollu, wara li kienu segwew kors apposta għalihom.
Mill-Parroċċa tagħna kien hemm erba' persuni li rċevew dan il-mandat mill-Isqof. Dawn huma;
1. Carmen Muscat 2. Felicia Saliba
3. Emanuel Terribile 4. Dominic Carbonaro.

Dawn issa jistgħu jwasslu l-Ewkaristija lill-morda fid-djar tagħhom u jaqrawlhom l-kelma ta' Alla ta' dak l-Ħadd li jkun. Barra minn hekk dawn jistgħu (jekk ikun hemm bżonn) jgħinu fit-tqarbin fil-knisja ecc.
Nifirħulhom ta' dan il-Ministeru l-ġdid li ħadu.

## Walk for Health - Imxi għal sahhtek

Il-*Health Promotion Unit* fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex qed jorganizza serje ta' mixjiet mal-pajsaġġ Għawdxi bħala parti minn kampanja ta' sensibilizzazzjoni favur is-saħħa tagħna. L-ewwel mixja se ssir nhar il-Hadd li ġej, 27 ta' Novembru. Il-pubbliku, kbar u żgħar, hu mistieden jiltaqa' fil-pjazza tal-Għasri fis-2.30pm, mnejn titlaq il-mixja.

**NOTA: Il-kotba ta' Radd il-Ħajr li hemm fil-bankijiet tal-knisja, huma għall-użu ta' kulħadd. Ħalluh fil-knisja. Grazzi.**
**Min jixtieq jixtri kopja tiegħu jista jitlobna mill-Uffiċċju.**